

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tad-9 ta' Marzu 2012 — Ella Valley Vineyards vs UASI — HFP (ELLA VALLEY VINEYARDS)

(Kawża T-32/10) ⁽¹⁾

(“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva ELLA VALLEY VINEYARDS — Trade marks nazzjonali u Komunitarja preċedenti ELLE — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà li ssir assoċċazzjoni — Rabta bejn is-sinjal — Reputazzjoni — Nuqqas ta’ xebħi tas-sinjal — Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”)

(2012/C 126/27)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Ella Valley Vineyards (Adulam) Ltd (Jerusalem, l-Iżrael) (rappreżentanti: C. De Haas u O. Vanner, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Hachette Filipacchi Presse (HFP) (Levallois-Perret, Franza) (rappreżentant: C. Moyou Joly, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-11 ta' Novembru 2009 (Każ R 1293/2008-1), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Hachette Filipacchi Presse (HFP) u Ella Valley Vineyards (Adulam) Ltd.

Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-11 ta' Novembru 2009, (Każ R 1293/2008-1) hija annullata.*
- (2) *Minbarra l-ispejjeż tiegħu, l-UASI huwa kkundannat ibati l-ispejjeż ta' Ella Valley Vineyards (Adulam) Ltd.*
- (3) *Hachette Filipacchi Presse (HFP) għandha tħalli l-ispejjeż tagħha.*

⁽¹⁾ ĠU C 80, 27.03.2010.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tad-9 ta' Marzu 2012 — Colas vs UASI — García-Teresa Gárate u Bouffard Vicente (BASE-SEAL)

(Kawża T-172/10) ⁽¹⁾

(“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva BASE-SEAL — Trade marks nazzjonali figurattivi preċedenti li jirrappreżentaw forma ta’ djamant — Trade marks nazzjonali u internazzjonali figurattivi preċedenti COLAS — Raġuni relattiva għal rifjut — Xebħi tas-sinjal — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”)

(2012/C 126/28)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Colas (Boulogne-Billancourt, Franza) (rappreżentant: E. Logeais, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġġent)

Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Rosario García-Teresa Gárate u Carmen Bouffard Vicente (Barcelona, Spanja)

Suġġett

Rikors għal annullament ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-4 ta' Frar 2010 (Każ R 450/2009-4), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn, minn naħa waħda, Colas u, min-naħħa l-oħra, Rosario García-Teresa Gárate u Carmen Bouffard Vicente.

Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-4 ta' Frar 2010 (Każ R 450/2009-4) hija annullata fir-rigward tal-prodotti li ma humiex il-prodotti kimiċi użati fix-xjenza, fil-fotografijsa, fl-agrikoltura, fl-ortikoltura u fil-foresterija, tad-demel u tas-sustanzi kimiċi li jipprizewaw il-prodotti tal-ikel imsemmija fid-deċiżjoni msemmija.*
- (2) *L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 161, 19.06.2010.